**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 141/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**Illum 25 ta' Mejju 2023**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors, ossia Referenza ai termini ta' l-Artikolu 44(i)(j)(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentat minn XXX fl-14 ta' Frar 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, trasferit għal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li in segwitu għad-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta datata 16 ta' Diċembru 2010, jkun hemm dikjarazzjoni li *amounts to be paid* [lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi] *are to be determined following the result of VAT Appeal 69/09*;

Ra l-ittra tar-Rikorrent datata 17 ta' Jannar 2011, indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, annessa mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi[1], già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, permezz ta' liema jopponi għat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tiġi miċħuda stante li: (i) ir-Referenza preżentata mir-Rikorrent hija nulla in kwantu ma ġewx segwiti d-dettami tal-Partita 5 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ir-Referenza preżentata mir-Rikorrent hija legalment improponibbli stante li ai termini ta' l-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax tiġi ppreżentata Referenza relattiva għal multa amministrattiva nascenti minn stima/stimi; u (iii) dan it-Tribunal ma huwiex il-*foro indoneu* fejn ikunu ventilati l-lanjanzi tar-Rikorrent kontra Talba għall-Ħlas ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra d-dokumenti markati Dok. "A" u Dok. "B" annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 50 sa' 54 tal-proċess;

[1] Fol. 44 sa' 49 tal-proċess.

Ra li waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2020[2], id-Difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi irtirat l-eċċezzjoni sollevata mill-imsemmi Kummissarju dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal biex jittratta u jiddetermina lanjanzi tar-Rikorrent relattivi għall-ħruġ ta' Talba għall-Ħlas ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda żammet ferm l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Kummissarju, inkluż l-eċċezzjoni a tenur tal-Partita 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2017[3] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "RS" a fol. 59 u 60 tal-proċess, sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2018[4] u x-xhieda ta' Roderick Zammit Randich, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2021[5] u rat id-dokumenti esebiti minn Roderick Zammit Randich markati Dok. "RZR1" u Dok. "RZR2" a fol. 83 sa' 90 tal-proċess;

Ra li r-Rikorrent la ressaq provi u ma għamilx kontro-eżamijiet u b'hekk l-istadji tal-provi tiegħu u ta' l-kontro-eżamijiet ġew dikjarati magħluqa[6];

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidra:**

Fis-16 ta' Diċembru 2010[7], il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ħareġ Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema jippretendi li għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-30.10.05, 01.11.05-31.01.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-31.07.10 u 01.08.10-31.10.10 hija lilu dovuta mir-Rikorrent is-somma komplessiva ta' **€244,530.19**.

Bil-proċeduri odjerni, istitwiti ai bażi ta' l-Artikolu 44(i)(j)(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Rikorrent ressaq Referenza permezz ta' liema jitlob li jiġi dikjarat li *amounts to be paid* [lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi] *are to be determined following the result of VAT Appeal 69/09*.

Il-Kummissarju tat-Taxxi, già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jopponi għat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tiġi miċħuda stante li: (i) ir-Referenza preżentata mir-Rikorrent hija nulla in kwantu ma ġewx segwiti d-dettami tal-Partita 5 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ir-Referenza preżentata mir-Rikorrent hija legalment improponibbli stante li ai termini ta' l-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax tiġi ppreżentata Referenza relattiva għal multa amministrattiva nascenti minn stima/stimi; u (iii) dan it-Tribunal ma huwiex il-*foro indoneu* fejn ikunu

[2] Fol. 81 tal-proċess.
[3] Fol. 63 tal-proċess.
[4] Fol. 69 sa' 71 tal-proċess.
[5] Fol. 91 u 92 tal-proċess.
[6] Vide verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 a fol. 96 tal-proċess u verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2022 a fol. 101 tal-proċess.
[7] Dok. "A" a fol. 50 sa' 52 tal-proċess.

ventilati l-lanjanzi tar-Rikorrenti kontra Talba għall-Ħlas ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2020[8], id-Difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi irtirat l-eċċezzjoni sollevata mill-imsemmi Kummissarju dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal biex jittratta u jiddetermina l-lanjanzi tar-Rikorrent relattivi għall-ħruġ ta' Talba għall-Ħlas ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda żammet ferm l-eċċezzjonijiet l-oħra minnu sollevati, inkluż l-eċċezzjoni a tenur tal-Partita 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel ma jittratta l-mertu tar-Referenza mressqa mir-Rikorrent, it-Tribunal ser jittratta l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-istess Referenza sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**Nullità tar-Referenza - Partita 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Ai termini tal-Partita 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, *Referenza lit-Tribunal fuq kull kwistjoni msemmija fl-artikolu 44 ma tistax issir, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju u għandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-miktub li fih ikun hemm imniżżla l-fatti kollha rilevanti għal dik il-kwistjoni u l-mod kif, fil-fehma ta' l-applikant, dik il-kwistjoni għandha tiġi deċiża.* Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li wieħed mir-rekwiżiti għall-validità legali, nonche proċedurali, tar-Referenza huwa li min iressaq ir-Referenza jrid ikun l-ewwel qajjem l-istess kwistjoni formanti l-mertu tar-Referenza, mal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' korrispondenza.

Fil-każ in eżami r-Rikorrent ippreżenta flimkien mar-Rikors tiegħu, ittra datata 17 ta' Jannar 2011 indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fejn, b'referenza għad-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010 mibgħuta lilu, jgħarraf u jinforma lill-Kummissarju s-segwenti: *following the receipt of the VAT Department's ledger statement dated 16 December 2010, bearing claim no. 4421107965130113211147511532, I would like to object, in terms of Article 59(1) of the VAT Act 1998, against the amount of €244,530.19, claimed to be due by me to the VAT Department. From the statement provided it transpires that the amount of €244,530.19 is based on audit assessments raised by the VAT Department. Kindly note that the assessments raised by the VAT Department are currently being disputed by me. In this regard I had lodged an appeal with the VAT Appeals Board (vide appeal no. 69/09). Consequently, without prejudice, I kindly request that the demand note for payment issued through your statement in terms of the provision of Article 59 of the VAT Act 1998 is to be revoked until the VAT appeals are concluded. Whilst writing, I would also like to draw your attention to the following points of law and point of fact:* ***Point of law*** *- In the first instance the statement presented was not issued properly, reasonably and fairly as it should have been done. The content of this statement, together with the way it has been issued, goes against the principles of natural justice. Moreover this statement has not been issued correctly and has not been adequately substantiated. The issuance of this statement under article 59(2) of the VAT Act 11998 has deprived me to make use of their right to a fair hearing, before being subject to pay the amount in question. This statement has been based on a general misconception of all the facts both legal and non legal.* ***Points of fact*** *- The content as declared in the statement issued*

[8] Fol. 81 tal-proċess.

*by the VAT Department are not correct. This statement has been issued and based on a complete misconception of how the facts really happened.*

In segwitu għal din l-ittra u senjatament fil-15 ta' Frar 2011, ir-Rikorrent ippreżenta r-Referenza odjerna quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi però li l-ittra datata 17 ta' Jannar 2011, effettivament waslet għand-Dipartiment fis-17 ta' Frar 2011[9], ossia ġranet wara li ġiet ippreżentata r-Referenza odjerna u konsegwentement għalhekk iqis li ma kienx hemm prevja korrispondenza bejnu u bejn ir-Rikorrent dwar il-materja minnu sollevata fl-ittra tas-17 ta' Jannar 2011 u in segwitu fir-Referenza odjerna, ossia li l-ammonti pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, kif nascenti minn stimi maħruġa minnu fil-konfront tar-Rikorrent għal diversi perijodi ta' taxxa, ma kienux f'dak l-istadju dovuti.

Bħala fatt minn eżami tad-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010, maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tar-Rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta li l-ammont globali hemm indikat ta' €244,530.19 huwa meqjus mill-Kummissarju bħala lilu dovut relattivament għas-segwenti perijodi ta' taxxa: 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.11.05-31.01.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-31.07.10, 01.08.10-31.10.10.

Jirriżulta b'mod ċar ukoll li l-maġġor parti ta' dana l-ammont ta' €244,530.19 jikkonsisti f'ammonti determinati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tar-Rikorrent permezz ta' stimi, u dana senjatament għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.11.05-31.01.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08. Dawn l-istimi però, ħlief l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.011.05-31.01.06, ġew kontestati mir-Rikorrent permezz ta' appelli quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 69/09. Dawn l-appelli ġew trasferiti lil dan it-Tribunal u llum jinsabu pendenti quddiemu bin-Numri tar-Rikors 103/12 sa' 103/12/11.

Mill-appelli ppreżentati mir-Rikorrent fir-rigward ta' l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu, jirriżulta li tali stimi inħarġu a bażi ta' investigazzjoni da parte tat-Tax Compliance Unit konkluża permezz ta' Rapport datat 26 ta' Marzu 2009. In segwitu għal dan ir-Rapport inħarġu l-istimi proviżorji fil-konfront tar-Rikorrent u huwa talab Review ta' l-istess iżda, l-istimi proviżorji ġew ikkonfermati u nħarġu l-istimi finali fis-**17 ta' Novembru 2009**. Fit-**18 ta' Diċembru 2009**, ir-Rikorrent intalvola l-appelli appena imsemmija mill-istimi u dawn l-appelli ġew kontestati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud permezz ta' Risposta ppreżentata fid-**29 ta' Diċembru 2009**.

Fir-Rikorsi ta' l-appell ir-Rikorrent jitlob li l-istimi appellati, inklużi l-multi amministrattivi w imgħaxijiet, jiġu mħassra u kkanċellati. Da parte tiegħu l-

[9] Vide Dok. "RS" a fol. 59 u 60 tal-proċess.

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jitlob li l-appelli jiġu miċħuda u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li l-likwidazzjoni ta' taxxa magħmula għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni, huma ġusti.

Id-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata fil-konfront tar-Rikorrent inħarġet fis-**16 ta' Diċembru 2010**, ossia evidentement fil-mori ta' l-appelli tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu, appelli kif ingħad pjenament kontestati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi t-Tribunal ma jistax jifhem kif il-Kummissarju tat-Taxxi jippretendi li jargumenta b'suċċess li r-Referenza odjerna ppreżentata mir-Rikorrent hija nulla għaliex, skontu, din ma ġiet preċeduta bl-ebda korrispondenza kif previst fil-Partita 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal, intbagħtet meta intbagħtet l-ittra datata 17 ta' Jannar 2011 u waslet meta waslet tali ittra għand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, <u>fil-każ in eżami u fid-dawl tal-fattispecie partikolari tiegħu</u>, tali korrispondenza kienet biss formalità in verità lanqas meħtieġa.

Ladarba meta nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata, già kien hemm proċeduri kontenzjużi u kontestati pendenti bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, fejn il-posizzjonijiet rispettivi tagħhom kienu magħrufa u kristallizzati, ebda korrispondenza ulterjuri ma kienet se tbiddel dak l-istat ta' fatt. Konsegwentement għalhekk, f'dan il-każ u fid-dawl tal-fattispecie partikolari tiegħu, ir-Rikorrent mhux biss għandu jitqies li ressaq korrispondenza dwar il-kontestazzjoni tiegħu għall-ammonti pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud permezz ta' l-istimi maħruġa għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, liema stimi, kif ingħad, jiffurmaw il-maġġor parti tal-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, avvanzata fid-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010, qabel ma ressaq ir-Referenza odjerna, talli addirittura kien pproċeda ġudizzjarjament għall-kontestazzjoni ta' tali stimi. Għaldaqstant ma jistax u ma għandux jitqies li r-Referenza odjerna hija nulla għaliex ma ġewx segwiti d-dettami tal-Partita 5(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullità tar-Referenza odjerna, sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, ma hijiex ġustifikata u b'hekk jisthoqqx li tiġi milqugħa.

Trattata din l-eċċezzjoni, it-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta r-Referenza tar-Rikorrent fil-mertu, għal liema jifdal li tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li ir-Referenza preżentata mir-Rikorrent hija legalment improponibbli stante li ai termini ta' l-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax tiġi ppreżentata Referenza relattiva għal multa amministrattiva nascenti minn stima/stimi.

**Referenza fil-mertu:**

Kif già iktar 'l fuq osservat, bir-Referenza odjerna r-Rikorrent jitlob li jiġi dikjarat illi *amounts to be paid* [lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju

tat-Taxxi] *are to be determined following the result of VAT Appeal 69/09.* Il-kontestazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, fir-rigward ta' tali talba hija li r-Referenza preżentata mir-Rikorrent hija legalment improponibbli stante li ai termini ta' l-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax tiġi ppreżentata Referenza relattiva għal multa amministrattiva nascenti minn stima/stimi

B'referenza għal din l-eċċezzjoni, it-Tribunal josserva li r-Rikorrent jibbaża ir-Referenza tiegħu fuq l-Artikolu 44(i), (j) **u** (k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux biss fuq is-sub-paragrafu (k) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi. In effetti r-Rikorrent qed jikkontesta parti komprensiva mill-ammont pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010, u mhux biss l-element ta' multa amministrattiva imposta fuqu bl-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-imsemmi Kummissarju. Għaldaqstant, it-Tribunal ma jistax u ma għandux b'mod għal kollox sommarju jiċħad it-talba tar-Rikorrent a bażi ta' dak provdut fl-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif donnu l-Kummissarju tat-Taxxi jippretendi li għandu jagħmel.

Kif già iktar 'l fuq osservat id-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010, maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent, inħarġet a bażi ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri l-ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Fid-dawl tal-fatt li fir-rigward ta' l-ammonti determinati u pretiżi bħala dovuti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, fl-imsemmija Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, hemm proċeduri ġudizzjarji pendenti - ossia l-appelli tar-Rikorrent mill-istimi relattivi għall-imsemmija perijodi ta' taxxa pendenti quddiem dan it-Tribunal - fejn appuntu dawk l-ammonti qed jiġu kontestati, it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-istess Kummissarju jippretendi li f'dan l-istadju, għal dawn il-perijodi ta' taxxa, huwa għandu titolu eżekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent. Tali stat ta' fatt u posizzjoni legali jistgħu jirriżultaw biss jekk u kemm-il darba l-appelli tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-imsemmija perijodi ta' taxxa jkollhom eżitu sfavorevoli għalih, u meta l-istess eventwali deċiżjonijiet jgħaddu in ġudikat, iżda ċertament mhux qabel.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, ir-Rikorrent għandu raġun f'li jikkontendi li id-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010, maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ta' l-inqas in kwantu rigwarda l-ammonti pretiżi mill-imsemmi Kummissarju għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, ma tistax u ma għandhiex titqies bħala titolu eżekuttiv ta' l-Kummissarju fil-konfront tiegħu qabel ma'

l-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" Bir-Rikors Nri. 103/12 sa' 103/12/11, jiġu deċiżi u jgħaddu in ġudikat.

It-Tribunal iqis għalhekk li għandu jilqa' t-talba tar-Rikorrent, limitatment però fir-rigward ta' l-ammonti pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, relattivi għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribual, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tar-Referenza odjerna sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, u jiċħad ukoll l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-Kummissarju, jilqa' t-talba tar-Rikorrent, limitatment però fir-rigward ta' l-ammonti pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, relattivi għall-perijodi ta' taxxa 01.09.04-30.04.05, 01.05.05-31.07.05, 01.08.05-31.10.05, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, u jiddikjara li għal dak li jirrigwarda tali perijodi ta' taxxa d-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Reġistrata datata 16 ta' Diċembru 2010, maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ma għandhiex titqies bħala titolu eżekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' l-istess Rikorrent pendenti l-eżitu tal-proċeduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bir-Rikors Nri. 103/12 sa' 103/12/11, preżentement pendenti quddiem dan it-Tribunal, u sakemm l-istess jgħaddu in ġudikat.

L-ispejjeż ta' din ir-Referenza għandhom jiġu sopportati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ai termini tal-Partita 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li din id-deċiżjoni tiġi notifikata lir-Rikorrent u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**